mixtieqa d-dinja għall-paċi u ħadd ma qiegħed jirreferi għall-paċi vera, għal paċi ta' Alla... It-talb għandna nagħmluh bil-qalb, għandna nagħmluh ħaj naqalgħu mingħand Alla l-grazzja tal-paċi, paċi ħajja mis-sema... Mulej aħfer lid-dinja, Mulej agħti s-sabar lill-morda, Mulej agħti l-kuraġġ lill-midinbin biex jaslu għall-indiema ta' kemm huma offendew il-Majestà kbira tiegħek.

Mulej ikollok ħniena mir-rappreżentanti tal-ġnus biex ma joqogħdux jaħsbu biss fuq dawk li jridu huma u lil dawk li huma ftit inqas minnhom, iżebilħuhom. Joqtluhom bil-gwerer. Min jikkmanda m'għandux jidhirlu li għandha tgħaddi tiegħu u jagħmel li jrid b'dawk li jkollu taħt il-ħakma tiegħu... Kull bniedem ta' Awtorità, ikun minn ikun, kemm tal-Knisja, kemm tal-Politika għandu jkun iddixxiplinat biex dejjem jagħmel dak li jrid Alla u dak li hu sew biex la jweġġa' hu u lanqas iweġġa' ħaddieħor...

Nitolbu lill-ħanina għażiża Madonna biex titlob u tidħol għalina u nitolbu ħafna għall-proxxmu tagħna biex fih naraw lill-kbir Alla... għaliex meta nitolbu għall-proxxmu tagħna nkunu qegħdin nagħmlu l-isbaħ att ta' karità u naqalgħu mingħand Alla l-imħabba. L-imħabba hija teżor kbir għax wara l-imħabba ikun hemm il-paċi, għax jekk ma jkunx hemm imħabba ma jkunx hemm paċi.

Għalina Alla jkun l-ewwel u qabel kollox u l-Mulej xi darba għad irid jippremja lit-tajbin u jikkastiga 'l-ħżiena... Hemm ħafna affarijiet li jiġbduna għan-naħa tas-sema u hemm ħafna affarijiet li jiġbduna għan-naħa t'isfel, għan-naħa tad-dlamijiet.

Jiena nixtieq ħafna Maltin, Għawdxin u barranin li qbadna din is-sena ġdida li ma noqogħdux inħarsu lejn is-sena li ħarġet, l-1993, imma naħsbu biex din is-sena spiritwalment nirkupraw aktar.



## AVVIŻI

1. Peress li dan l-aħħar għamel il-maltemp meta kellna niltaqgħu għal-laqgħa ta' Talb il-Girgenti, xi nies qagħdu jċemplu biex jaraw jekk il-laqgħa kenitx se ssir. Fil-laqgħa ta' Frar (li saret meta kien temp ħażin) il-President tal-Kumitat aċċerta lill-folla preżenti, li l-laqgħat ta' talb isiru dejjem ikun xi jkun it-temp.

2. Ġuża Mifsud ma tiflaħx. Għall-aħħar laqgħat hi ma ġietx imma bagħtet messaġġi li siltiet minnhom qed jidhru f'dan il-fuljett.
   Aħna ċerti li Ġuża dejjem tkun magħna bl-ispirtu tagħha, fil-laqgħat kollha li nagħmlu l-Girgenti.

3. Il-grazzji maqlugħa jiġu ppubblikati malli jkun hemm ċans. Meta tkunu tafu b'xi grazzja maqlugħa nfurmaw lill-editur ta' dan il-fuljett minnufih. Agħtu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħkom lil:
   Bro. Victor Privitera,
   Stella Maris College,
   Gżira.

4. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li bagħtu xi kontribuzzjoni għall-ispejjeż li jkollna.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEHEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. ~~20~~ 18    APRIL 1994    JITQASSAM BLA ĦLAS

## APPELL TA' ĠUŻA MIFSUD GĦAT-TALB U L-PENITENZA

M'hemmx għalfejn naqraw gazzetti jew nisimgħu xandir biex naraw il-qagħda mwiegħra li tinsab id-dinja fiha bħalissa. Biżżejjed inħarsu ftit madwarna u naraw il-bruda spiritwali li sfortunatament dejjem qed tikber. Dan żgur iġiegħelna nitnikktu iżda m'għandniex nieqfu hawn.

Dan l-appell għat-talb u l-penitenza qiegħed dejjem ikun il-qofol ta' kull messaġġ li qegħda twassal Ġuża, kif jidher aktar 'il quddiem. Ma nħalluhx jaqa' fuq widnejn torox imma nagħtu s-sehem tagħna billi nħeġġu lil ħaddieħor jagħmel bħalna u jilqa' dan l-appell bil-qalb.

## OTTUBRU 1993

... Jekk aħna ma nagħmlux penitenza, jekk ma nitolbux bil-fidi u bl-imħabba kbira lejn Alla jiġri bħal meta qal Noè li Alla ħa jikkastiga lid-dinja għaliex ma jistax iżommha iżjed bid-dnubiet li telgħin quddiemu. In-nies għajruh miġnun iżda mbagħad meta talbu lil Noè biex isalvhom għax ħa jgħerqu u jintilfu, Noè qalilhom, "Noè kien miġnun. Issa tridu tbatu dak kollu illi wasal għalikom għax jien għidtilkom biex tagħmlu penitenza. Issa wasal il-kastig u jiena ma nista' nagħmlilkom xejn biex insalvakom. Issa tridu tieħdu dak li ħaqqkom."

U hekk ħa tgħidilkom Ġuża. Issa nieħdu dak li ħaqqna jekk ma nindmux u nagħmlu

penitenza dment li nistgħu u ma noqogħdux inħarsu... fil-materjal tad-dinja, minn dak li għaddejja d-dinja minnu bħalissa. Flus, flus, il-flus kollox, u ma jimpurtanix minn Alla għax jiena qatt ma rajtu lil Alla u jiena qatt ma rajtha lill-Madonna. Noqogħdu attenti, ħbieb, għax b'dawn l-affarijiet qegħdin niġbdu r-rovina fuqna.

Dawn l-erba' kelmiet għamilthom bid-dmugħ f'għajnejja... imma l-Madonna qaltli: "Jekk jista' jkun agħmel xi ħaġa fuq dawn l-affarijiet għax hemm ħafna affarijiet ta' *chaos*, ta' disgrazzji."

Nitolbu u nishru, aħna ta' rieda tajba, nagħmlu penitenzi lill-Mulej Alla, quddiem il-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija fil-knejjes ta' Malta u Għawdex, nitolbu bir-rużarju mqaddes lill-Madonna. Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex jilluminana fit-tajjeb u jwarrbilna kemm jista' l-ħażin u kemm jista' jkun ninġibdu ma' ħabel wieħed, tislima waħda, it-tislima tal-glorja ta' Alla, it-tislima tal-paċi u mhux it-tislima tal-mibgħeda u 'l-korruzzjoni.

## NOVEMBRU 1993

Aħna hawn fuq nitilgħu bl-akbar sagrifiċċju, għall-akbar glorja ta' Alla... u għandna bżonn li nagħmlu ħafna affarijiet tafux. Tafu intom id-dinja bħalissa minn xiex għaddejja x'waħda din! Għaddejja minn kriżi ta' l-għaġeb u jiena dak li kont ħa nitolbu 'l Mulej: "Mulej għallimna nħobbuk. Mulej għallimna li nitgħakksu ħafna, ngħakksu qalbna u ma jkollna qatt mibegħda u nkwiet u ġlied għax li hawn fid-dinja kollox imħabba l-mibgħeda li hawn. Dan l-inkwiet u ġlied, dawn il-gwerer... Dawn jimpurtahom li jakkwistaw aktar ġid u artijiet u ma jimpurthomx minn eluf kbar ta' nies li qegħdin jaqgħu vittma tal-mewt... "

Il-Madonna qed jisgħobiha ħafna fuq id-dlam li hawn fid-dinja... Nitolbuh lill-Mulej biex jevitalna l-inkwiet u titlob għalina l-Madonna u



għandna bżonn li nirrikorru għall bżonnijiet tal-midinbin... Maħbubin ħuti, Maltin u Għawdxin, noqogħdu attenti għax f'Malta qegħdin nimtlew b'partita nies... li qegħdin jippruvaw itellfulna l-fidi... Jekk m'għandniex fidi m'għandna xejn, tafux!...... Għalfejn ħadha l-passjoni Kristu mhux biex iġibilna l-imħabba ta' Alla u l-fidi? Noqogħdu attenti, maħbubin tiegħi, għaliex ix-xitan, jiena darba għidtilkom li ħareġ u qiegħed fuq karru tad-deheb jiġri fid-dinja, daqqa 'l hawn u daqqa 'l hemm; imma f'Malta issa daħal ukoll, tafux. Issa qed jidħlilna bil-fidi tafux, għalhekk irridu nkunu sodi ħafna bil-fidi u nħobbu lil xulxin u ma jkollniex mibgħeda...

## DIĊEMBRU 1993

Ħuti nishru u nitolbu: nitolbu ħafna. Min jista' jagħmel xi att ta' penitenza jagħmlu għat-tpattija tad-dnubiet tal-Maltin u l-Għawdxin u ta' kulħadd biex ikollna barka speċjali mingħand il-Mulej. Tafu intom kemm affarijiet qegħdin jigru 'l hawn u 'l hemm u rrid ngħidilkom ħafna, ridt ngħidilkom il-laqgħa l-oħra u ħadilhi x-xitan, li għandna bżonn nitolbu ħafna, ħafna għall-bżonnijiet tar-Russja għax jekk tikkonverti r-Russja tikkonverti d-dinja u... nitolbu għar-rapprezentanti tal-ġnus biex Alla l-Imbierek jagħtina grazzja li biċċa minnhom jagħrfuh lill-Mulej... Nitolbu għalihom biex dawn in-nies jikkonvertu, jaħasra, u jiġu unjoni m'Alla ħalli jkollna l-paċi...

Bħalma għidtilkom fil-passat, telgħin ħafna affarijiet kbar, gravi, ta' dnubiet quddiem il-Mulej u ta' dawn xi ħadd irid ipatti għalihom... Jiena lill-Mulej ngħidlu żidli anka s-salib, agħtini s-sabar, il-paċenzja, l-għajnuna, agħtini l-qawwa tal-qalb, l-ispiritwalità tar-ruħ biex jiena aktar inġib quddiem għajnejja l-midinbin biex jien aktar nipppreżenthom lilek bil-qalb biex dawn il-midinbin ikollhom grazzja mingħandek kbira li jikkonvertu u jagħmlu



mewta tajba u flimkien niltaqgħu f'dak il-post sabiħ li ppreparalna l-Mulej Ġesù... Kulħadd għandu jitlob ħafna lill-Mulej Alla biex il-Mulej Alla jkollu ħniena mid-dinja kollha u jissaportiha.

## JANNAR 1994

Nitolbu għal Malta għaliex issa daħlet f'dawn is-setet bħal bnadi oħra... Jiena, ċertu affarijiet qed narhom, imma ma nistax nispjegahom... Ma nistħux, tant qed jgħinna Ġesù fl-Ewkaristija f'Malta u qed ikun hawn dawna l-partita qlub li huma kkuntattjati ma' dik il-qalb xierfa u kattiva tax-xitan. Mulej Ġesù għinni, għadirni, agħtini l-għajnuna tiegħek, agħtini ħafna kuraġġ biex inkompli nitlob għal Malta tagħna, għal Għawdex tagħna u għad-dinja kollha biex il-Mulej Alla jħenn għalina l-Maltin u l-Għawdxin u għad-dinja kollha u min-naħa tas-sema ma jkollniex affarijiet koroh... Nitolbu anke għal bnadi oħra għax min-naħa tas-Sinjura tal-Ħajja wkoll rajt xi ħaġa li qed joqrob xi naqra dlam fuq Malta tagħna, lejn id-dinja tagħna...

Bħalma għidtilkom, min hu ta' rieda tajba jiftaħ qalbu ma min ukoll hu ta' rieda tajba biex nintefgħu fit-talb għax m'għandniex kondizjonijiet sbieħ. Għandna ħafna nies qegħdin ibatu ukoll barra minn Malta tagħna, m'għandhomx x'jieklu, m'għandhomx x'jilbsu. Kellhom joħorġu minn djarhom minħabba dawn l-ilminjiet, minħabba l-gwerer... Jiena ħa ngħidlek Mulej, għadirna Mulej, aħfrilna Mulej agħtina l-paċi, neħħi l-mibgħeda minn Malta u Għawdex u agħtina l-paċi u l-imħabba tiegħek... Din l-għira, mibgħeda, nuqqas ta' paċi, nuqqas ta' mħabba, wieħed jgħawwi lil ieħor. Dana s-sema ma tridux. U aħna li aħna ta' rieda tajba għandna bżonn niġġieldu kontra tagħhom dawn l-affarijiet...

Għandna bżonn nishru u nitolbu biex jekk Alla jrid il-Mulej jagħti lid-dinja... l-paċi: tant